# KNISJA KATIDRALI GĦAWDEX

**Uffiċċju Parrokkjali 2155 4101 • fax 2156 4572 • Email: info@gozocathedral.org.mt • www.gozocathedral.org.mt**

Arċipriet Mons. Ġużepp Attard 9984 7099 • **arcipriet@gozocathedral.org.mt**• Dun Joseph Sultana 7993 5314 • Dun Joe Calleja 9944 7718




## Jaslilkom il- Programm tal-Pussess

Ma' dan il-Bullettin sejrin tirċievu l-programm dettaljat tal-Bidu tal-Ministeru ta' Mons. Ġużepp Attard. Nitolbukom biex tħallu dan il-programm fejn tistgħu ssegwuh minn ġurnata għall-oħra. Nitolbu li kulħadd jattendi għall-attivitajiet li ġew imħejjija skond kull kategorija tal-Parroċċa.

## Jum il- Karita

### *Stedina biex nikbru fl-Imħabba*

Bħal kull sena, id-Djoċesi ta' Għawdex fil-Festa ta' Kristu Sultan torganiżża Jum il-Karita - ġurnata li fiha d-Djoċesi toffrilna opportunità biex naħsbu f'dawk l-istituti tal-karita li għandha l-Knisja fid-djoċesi tagħna. Il-Knisja f'Għawdex kienet u għada minn ta' quddiem fil-kura u fl-imħabba lejn il-morda l-anzjani, persuni b'diża-bilita, tfajliet li jkollhom trabi barra miż-żwieġ u l-foqra.

Għaldaqstant qegħdin nibgħatulkom flimkien mal-bullettin dan l-envelope biex tpoġġu offerta ġeneruża li mbagħad il-Caritas tkun tista' tqassam skond id-diversi ħtiġijiet ta' dawn id-djar immexxija minnha. L-envelopes mhux ser jinġabru bieb bieb. Nitolbukom li twasslulhom fl-Uffiċċju Parrokkjali jew ma' xi saċerdoti, jew mal-helpers li jqassmu l-bullettin jew tħalluhom waqt il-ġbir li jsir fil-quddies fil-Katidral. Il-Mulej ibierek il-ġenerożita tagħna lkoll! Il-Mulej Ġesù sejjer jiġġudikana fuq din il-ġenerożità!

## Avviż mis- Seminarju Minuri u mill- Konservatorju tal- Isqof

Is-Seminarju Minuri u l-Iskola Sekondarja tal-Konservatorju ta' l-Isqof joffru ta' kull sena postijiet limitati għall-kanditati għall-eżamijiet tad-dħul li jiġu kkunsidrati bħala każijiet umanitarji gravi. Min jixtieq japplika għal dawn il-postijiet għandu jikkuntattja lis-Surmast tas-Seminarju Minuri fil-każ ta' subien jew lill-Madame tal-Iskola Sekondarja tal-Konservatorju ta' l-Isqof fil-każ ta' bniet. L-applikazzjonijiet għal dawn il-postijiet limitati jagħlaq nhar is-Sibt, 19 ta' Jannar 2008

## *Tislima lill-Mons. Franġisk Azzopardi*

**Nhar l-Erbgħa 7 ta' Novembru waslitilna l-aħbar tal-mewt ta' Mons. Franġisk Azzopardi membru tal-Kapitlu Katidrali. Qeda din il-Kolleġġjata sa mis-sena 1975. Kien dejjem disponibbli għas-serviżż tas-sagrament tal-qrar b'mod partikulari l-Ħadd filgħodu waqt il-quddies.**

**Il-Ħadd 18 ta' Novembru fis-6:00pm ser tiġi ċelebrata quddiesa b'suffraġju għalih. Nagħtu l-kondoljanzi lil oħtu Karmela u n-nepputijiet u l-familji tagħhom.**

*Nifirħu*

**Emanuel u Carmela Galea** fl-okkażjoni tal-**50 anniversarju miż-żwieġ tagħhom**

**Lill-familja Galea** fl-okkażjoni tal-magħmudija ta' binhom **Jayden.**

*Grazzi*

Il-Ġabra tal-Ħadd 11 ta' Novembru kienet ta' **Lm120.03 (€279.59)**

## *Taħdita Edukattiva*

Nhar il-Erbgħa 21 ta' Novembru, fid-9:00am fid-Dar Ċentrali tal-Azzjoni Kattolika ser tiġi organizzata taħdita edukattiva bis-suġġett *"L-Abort u l-Effetti ħżiena li jġib miegħu".* It-taħdita ser titmexxa minn Miss Maria Attard. Kulħadd huwa mistieden li jattendi.

## *Coffee Morning Organizzat mill-Parroċċa*

**Fil-Crystal Palace M'Forn, nhar it-Tlieta 20 ta' Novembru 2007. Transport provdut minn Pjazza Savina fid-8:45am. Biljetti jiswew Lm 1.25 u jinkisbu mingħand Men-zja Farrugia u mingħand il-helpers.**

## *High Tea Organizzata mis-Soċjeta Leone*

Nhar il-Ġimgħa 23 ta' Novembru 2007, fil-Każin tal-Banda Leone fis-7:30pm. Il-biljetti jistgħu jinkisbu mill-Banka tal-Lottu ta' Thomas Schembri.

| | |
|---|---|
| 18.11.07 | 4.45am Vittmi tal-Gwerra, 5.45pm Skond l-Intenzjoni ta ' Mons. Girgor Grech, 6.45 am John Rapa 7.45 am Ġużepp u Dolora Zahra, 10.00am M ' Dolores Buttiġieġ, 11.00am Joseph Caruana, 12.00pm Anthony u Fortunata Calleja u Ġorga Cordina, 5.00pm Paul, Liza u Domnic Xerri , 6.00pm Marija Hili, 7.15pm Wenzu u Mary Debrincat. |
| 19.11.07 | 5.30 am Felix Grech, 6.15 am Ġużeppi, Toni u Louis Portelli, 7.30 am Anthony Vella u Franġisk Micallef, 8.00 am Carmelo Portelli u Marija Hili, 6:00 pm Toni Vella Muskat, 7.15pm Josephine Camilleri. |
| 20.11.07 | 5:30am , 6:15am , 7:30am , 8:00am Familja Cauchi u Micallef, 6:00pm M ' A nġelo u Maria Camilleri, 7:15pm Toni, Ġerardu u Ġorġa u Benigna Attard. |
| 21.11.07 | 5.30am Ġużepp u Ċensa Xerri, 6.15am Ġorġa Cordina, 7.30am Familja Cauchi u Micallef, 8.00am Joseph u Antonia Sultana, 6.00pm Familja Cilia u Scicluna, 7.15pm Sander Tabone, 9.00pm Ġorġa Cordina. |
| 22.11.07 | 5.30 am , 6.15 am , 7.30 am Ġużepp u Ġużeppa Grech, 8.00 am Joseph u Lolly Fiteni, 6.00pm Tereża Borġ, 7.15pm George Theuma. |
| 23.11.07 | 5.30 am Lawrence Mizzi u John Vella, 6.15 am Pietru Pawl Portelli, 7.30 am Ġorġa Cordina, 8.00 am Maria Antonia Caruana, 6.00pm Sr. Sylvia Gatt, 7.15pm Familja Scicluna u Spiteri. |
| 24.11.07 | 5.30am Grezzju u Tereża Vella u Familja Vella, 6.15am Simon Camilleri, 7.30am,8.00am Joseph, Edmond u Anġela Bugeja , 6.00pm Elija Mercieca, 7.15pm John, Franċesca u Joe Tabone. |